The Authority reserves the right to dispose of all the objects as it deems fit and opportune if within seven (7) days from the removal of the objects these are not collected from the same Authority.

The Authority reserves the right to proceed further against you by all the other means required by law including eviction procedures against you. In this case you will also be held responsible for any costs incurred by the Authority.

So much so that it may be formally notified for all intents and purposes of law and of Article 2128 of Cap. 16 of the Laws of Malta.

You are advised that criminal proceedings may also be instituted against you in case you fail to comply with the above.

So much so that you may know how to regulate yourself.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 6 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 6th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1454

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Marzu 2025 mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 152/2025, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Harshawardhan Hanmant Sabale pro et noe, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Streamcast Technologies Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 13 ta' Jannar, 2025

Lil Harshawardhan Hanmant Sabale (KI 0177464A) f'ismek personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjetà Streamcast Technologies Limited (C84072).

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €1,110,702.20 rappreżentanti ammont dovut minnek pro et noe bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud, skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u Dwana għandu kontra tiegħek permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jezegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Notifika: Streamcast Technologies Limited, 103, Palazzo Pietro Stiges, Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 6 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 5th March 2025 of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 152/2025, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Harshawardhan Hanmant Sabale pro et noe, the following publication for the purpose of service on the respondent Streamcast Technologies Limited was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 13th January, 2025

To Harshawardhan Hanmant Sabale (ID 0177464A) in your own name and also as director for and on behalf of the company Streamcast Technologies Limited (C84072).

By the present the Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €1,110,702.20 representing amount due by you pro et noe as Value Added Tax, according to the same Act.

With costs and interest according to the said Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you, by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Notification: Streamcast Technologies Limited, 103, Palazzo Pietro Stiges, Triq id-Dejqa, Valletta

Registry of the Superior Courts, today 6th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1455

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Diċembru, 2024, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4553/2024, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Andrey Surovikin pro et noe, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Andrey Surovikin a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 27th December, 2024, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 4553/2024, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Andrey Surovikin pro et noe, the following publication for the purpose of service on the respondent Andrey Surovikin was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

In the First Hall of the Civil Court

Illum 3 ta' Ottubru, 2024

Today 3rd October, 2024

Lil Andrey Surovikin (KI 0075929A) f'ismek personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjetà Hitech Pharma Europe Ltd (C70996) illum imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji ta' Verdala Crt, Flt 9, Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar

To Andrey Surovikin (ID 0075929A) in your own name and also as director for and on behalf of the company Hitech Pharma Europe Ltd (C70996) today struck off by the Registrar of Companies of Verdala Crt, Flt 9, Triq il-Qawra, St Paul's Bay.

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €443,686.64 rappreżentanti ammont dovut minnek pro et noe bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud, skont l-istess Att.

By the present the Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €443,686.64 representing amount due by you pro et noe as Value Added Tax, according to the same Act .

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-pagament effettiv.

With costs and interest according to the said Act till the date of effective payment.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u Dwana għandu kontra tiegħek permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you, by means of a notice sent to you.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 6 ta' Ġunju, 2025

Registry of the Superior Courts, today 6th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1456

Permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Novembru, 2024, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4930/2024, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Roger Paul Mewis, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex

By means of a decree of the 28th November, 2024, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 4930/2024, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Roger Paul Mewis, the following publication for the

isservi ta' notifika fil-konfront ta' Roger Paul Mewis a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 25 ta' Ottubru, 2024

Lil Roger Paul Mewis (passaport numru 514773751) ta' Flat 8, 222, Triq it-Torri, Tas-Sliema

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €21,638.60 rappreżentanti ammont dovut minnek fil-kapaċità tiegħek ta' direttur tas-soċjetà Imperial Xeon Group Limited (C67736) bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud, skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont l-imsemmi Att XXIII tal-1998 sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u Dwana għandu kontra tiegħek permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 6 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

purpose of service on the respondent Roger Paul Mewis was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 25th October, 2024

To Roger Paul Mewis (Passport Number 514773751) of Flat 8, 222, Triq it-Torri, Tas-Sliema

By the present the Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €21,638.60 representing amount due by you as Value Added Tax, according to the same Act in your capacity as director of Imperial Xeon Group Limited (C67736).

With costs and interest according to the said Act XXIII of 1998 due until the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you, by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Registry of the Superior Courts, today 6th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1457

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-30 ta' Mejju, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 274/2024, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Martin Hans Johannjost Schneider ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Martin Hans Johannjost Schneider a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 24 ta' Jannar, 2024

Lil Martin Hans Johannjost Schneider (KI 147703A) ta' 62, Fl. 6, Triq Gafar, Tas-Sliema

By means of a decree of the 30th May, 2024, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 274/2024 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Martin Hans Johannjost Schneider, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Martin Hans Johannjost Schneider in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 24th January, 2024

To Martin Hans Johannjost Schneider (ID 147703A) of 62, Fl. 6, Triq Gafar, Tas-Sliema

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €1,030.84, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 411000157358 ossija dwar il-fond bl-indirizz Flt 6 61/63, Triq Gafar, Tas-Sliema.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-krettu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 2 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €1,030.84, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding the utility bills with number 411000157358 regarding the premises with address Flt 6, 61/63, Triq Gafar, Tas-Sliema.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 2nd June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1458

Permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Mejju, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 93/2025, fl-ismijiet Elmo Insurance Limited vs Areeckal Shajahan et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Shajahan Areeckal u Suhail Ma a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 et sequitur.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 15 ta' Jannar, 2025

Lil Shajahan Areeckal (KI 280766A) ta' 215, Flat 2, Triq Burmarrad, Burmarrad

Suhail Ma (KI 267843A) ta' 7, Flat 2, Triq Anġlu Cuschieri, Birkirkara

By means of a decree of the 8th May, 2025, of the Courts of Magistrates (Malta) in the records of judicial letter number 93/2025, in the names Elmo Insurance Limited vs Shajahan Areeckal et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Shajahan Areeckal and Suhail Ma in terms of Article 187(3) of Cap. 12 et sequitur.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today 15th January, 2025

To Shajahan Areeckal (ID 280766A) of 215, Flat 2, Triq Burmarrad, Burmarrad

Suhail Ma (ID 267843A) of 7, Flat 2, Triq Anġlu Cuschieri, Birkirkara

Permezz tal-preżenti Elmo Insurance Limited (C3500) ta' Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, tagħmel referenza għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ fit-22 ta' Mejju, 2024, f'Santa Venera, bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBL-854 proprjetà ta' Shajahan Areeckal u misjuqa minn Suhail Ma fil-ħin tal-inċident u dik bin-numru DQZ-891 misjuqa minn Jason Camilleri, permezz tal-preżenti tgħarrafkom, illi hija ġiet interpellata mill-istess Jason Camilleri u mill-assikuraturi tiegħu sabiex tħallashom id-danni sofferti minnhom riżultat tal-inċident tat-traffiku fuq imsemmi.

Illi intom inqastu milli tippreżentaw claim uffiċjali mas-soċjetà mittenti insegwitu għall-inċident imsemmi kif ukoll liċenzja tas-sewqan valida ta' Suhail Ma kif intom obbligati illi tagħmlu skont il-kundizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni. Illi l-aġir tagħkom jammonta għall-ksur tal-polza tal-assikjurazzjoni u konsegwentement intom prekluži milli tinvokaw l-istess polza biex tkopru kwalsijasi obbligu tagħkom naxxenti mill-inċident ineżami u għalhekk f'każ illi s-soċjetà mittenti tkun kostretta illi tagħmel tajjeb għad-danni tat-terzi hija se teżerċita d-dritt tagħha ta' rinvalza kontra tagħkom.

Għaldaqstant, permezz tal-preżenti qed tiġu formalment avżati illi intom qed tinżammu responsabbli għad-danni kollha preżenti u futuri li s-soċjetà mittenti tista' ssofri riżultat tal-aġir illeċitu tagħkom.

Tant biex tgħarfu timxu.

Bl-imgħax u bl-ispejjeż tal-preżenti.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By the present Elmo Insurance Limited (C 3500) of Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, makes reference to the accident that occured on the 22nd May, 2024, in Santa Venera, between the vehicle with registration number EBL-854 property of Shajahan Areeckal and driven by Suhail Ma at the time of the accident and that with registration number DQZ-891 driven by Jason Camilleri, formally notifies you that following the said accident, it has been served with a judicial letter filed by the said Jason Camilleri and his insurers calling upon them to settle the damages suffered by them as a result of the above mentioned accident.

Furthermore following the said accident you have failed to lodge a claim as requested by the insurance policy as well as to present a valid driving license for Suhail Ma. Your failures amount to a breach of the insurance policy and consequently you are precluded from invoking the insurance policy to cover any of your obligations arising from the incident in question and consequently in the eventuality that Elmo Insurance is forced to make good for the damages suffered by the third parties it will be exercising its right at law to recover the said amount from you.

You are hereby being formally warned that you are being held responsible for all damages present and future that Elmo Insurance may suffer as a result of your illicit acts.

So much for your own guidance.

With interest and costs of this present.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 6th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1459

Permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' April, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 82/2025, fl-ismijiet Robert Bartolo vs Saviour Cassar, il-Bord li Jirregola l-Kera ordna s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Saviour Cassar a tenur tal-artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Bord li Jirregola l-Kera

Illum 9 ta' Jannar, 2025

Lil: Saviour Cassar (KI 389268M) ta' 23, Triq Camenzuli, Tas-Sliema

Bil-preżenti ittra uffiċjali Robert Bartolo (KI 978246M) ta' 8, Flat 1, Villino Riviera, Tri Giuseppe Calì, Ta' Xbiex,

By means of a decree given on the 29th April, 2025, in the records of the judicial letter number 82/2025, in the names Robert Bartolo vs Saviour Cassar, the Rent Regulation Board ordered the following publication in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 for the purpose of effecting service on the respondent Saviour Cassar.

In the Rent Regulation Board

Today 9th January, 2025

To: Saviour Cassar (ID 389268M) of 23, Triq Camenzuli, Tas-Sliema

By the present judicial letter Robert Bartolo (KI 978246M) of 8 Flat 1, Villino Riviera, Triq Giuseppe Calì,

fl-ewwel lok jagħmel referenza għas-sulloka l-proprjetà 23, Triq Camenzuli, Tas-Sliema, li mill-31 ta' Lulju, 2022, inqaleb f'kirja ai termini tal-Artikolu 12 tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158) versu liema inti kont tħallas €256 fis-sena, kif ukoll għad-deċiżjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera tal-25 ta' Settembru, 2024, li rreveda din il-kirja għal €333.33 fix-xahar pagabbli kull xahrejn bil-quddiem mid-data tas-sentenza.

Illi l-mittenti jinfurmani li l-aħħar kirja mħallsa minnek kienet tkopri sad-9 ta' Awwissu, 2022, u li minn dakinhar, la offrejt kera lill-mittent u lanqas iddepożitajt il-kera taħt l-Awtorità tal-Qorti u minkejja li din il-kera ġiet riveduta permezz tas-sentenza surriferita, inti xorta waħda ma ħallastx il-kirja kif riveduta lanqas.

Illi preżentement, inti għandek tagħti lill-mittenti l-ammont ta' €544.71 rappreżentanti kirja mill-10 ta' Awwissu, 2022 sal-25 ta' Settembru, 2024, bil-kirja l-antika ta' €256, u l-ammont ta' €1,999.98 rappreżentanti kirja ta' tliet skadenzi mill-25 ta' Settembru, 2024, bir-rata stabbilita mill-Bord, li jammontaw għal total kumplessiv ta' €2,544.69.

Illi invista tal-fatt li għaddiet skadenza oħra u inti bqajt ma ħallastx, inti qiegħed tiġi interpellat għall-aħħar darba sabiex twettaq dawn il-ħlasijiet minnek dovuta fi żmien ħmistax-il jum mill-irċevuta ta' din l-ittra, stante li preżentement inti tinsab fi ksur tal-kundizzjonijiet tal-kera u għaldaqstant hemm lok illi l-mittent jipproċedi kontra tiegħek sabiex jittermina din il-kirja ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta u dan mingħajr l-ebda preavviż ieħor, bl-ispejjeż kontra tiegħek.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Ta' Xbiex, in the first place refers to the sub-lease of the property 23, Triq Camenzuli, Tas-Sliema, which as of the 31st July, 2022, was converted into a lease in terms of Article 12 of the Housing Decontrol Ordinance (Cap 158) in respect of which you paid €256 per year, as well as to the decision of the Rent Regulation Board of the 25th September, 2024, to revise this rent to €333.33 per month payable every two months in advance from the date of judgment.

The interpellant informs me that the last rent paid by you covered till the 9th August, 2022, and since then, you have neither offered rent to the interpellant nor deposited the rent under the authority of the Court and although the rent was revised by means of the judgment above mentioned, you still did not pay the rent as revised either.

That presently, you are to pay the interpellant the amount of €544.71 representing the rent due from the 10th August, 2022 till the 25th September, 2024, with the old rent of €256, and the amount of €1,999.98 representing the rent due for three instalments from the 25th September, 2024, at the rate established by the Board, which amount to an overall total of €2,544.69.

In view of the fact that another deadline has passed and you have not paid, you are being called upon for the last time to make these payments due by you within fifteen days from the receipt of this letter, since you are presently in breach of the conditions of the lease and thus there is room for the interpellant to proceed against you to terminate this lease in terms of Article 5 of Cap 158 of the Laws of Malta and this without no further notice, with costs against you.

Registry of the Superior Courts, today 6th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1460

Permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Jannar, 2025, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 333/2024, fl-ismijiet l-Awtorità tal-Ippjanar vs Kenneth Gauci, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 26 ta' Jannar, 2024

Lil Kenneth Gauci (KI 242571M) ta' Razzett ta' Nikola, It-Tafli ta' San Lawrenz, Triq San Lawrenz, Is-Siġġiewi u/jew 13, Għad-Dell tal-Kampnar, Triq San Nikola, Is-Siġġiewi.

By means of a decree of the 16th January, 2025, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 333/2024, in the names Planning Authority vs Kenneth Gauci, the following publication was ordered for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 26th January, 2024

To Kenneth Gauci (ID 242571M) of Razzett ta' Nikola, it-Tafli ta' San Lawrenz, Triq San Lawrenz, Siġġiewi, and/or 13, Għad-Dell tal-Kampnar, Triq San Nikola, Siġġiewi.

Permezz tal-preżenti l-Awtorità tal-Ippjanar ta' St Francis Ravelin, Il-Furjana, tinterpellak sabiex immedjatament tħallasha s-somma ta' €47,020 rappreżentanti ħlas dovut lill-istess Awtorità dovuta bħala multa għal kull ġurnata skont ir-regolament 3 tar-Regolamenti tal-2012 dwar Multi għal kull Ġurnata (Avviż Legali 276 tal-2012) rigwardanti żvilupp mingħajr permess ta' żvilupp kif speċifikat fl-avviż ta' twettiq numru ECF 77/17 matul il-perjodu mit-18 ta' Ottubru 2017 sat-18 ta' Frar, 2021, liema ħlas hu dovut skont invoices numru 10342, 10475, 10754, 10982, 11213 u 11606 kopja ta' liema invoices jinsabu hawn anness bħala Dokument A.

By the present Planning Authority of St Francis Ravelin, Floriana, calls upon you so that immediately you pay the sum of €47,020 representing payment due to the same Authority as a daily penalty in terms of regulation 3 of the Daily Penalty Regulations 2012 (legal Notice 276 of 2012) concerning development without permit for development as specified in the enforcement Notice number ECF 77/17 during the period from 18th October 2017 to 18th February 2021, which payment is due according to invoices number10342, 10475, 10754, 10982, 11213 and 11606 copies of which invoice are hereby attached as document A.

Illi dan l-ammont għadu dovut minnek.

That this amount is still due by you.

Fl-aħħar nett, qed tiġi mgħarraf li din l-ittra uffiċjali qed tiġi intavolata ai termini tal-artikolu 100(5) u (6) tal-Kap. 552 al-Liġijiet ta' Malta. Ai termini tas-subinċiż (7) tal-istess artikolu, qed tiġi mgħarraf li din l-ittra uffiċjali għandu jkollha l-istess effett bħal sentenza finali tal-qorti kompetenti, kemm-il darba inti fi żmien għoxrin ġurnata minn meta ssirlek in-notifika ta' din l-ittra u d-dikjarazzjoni kontenuta fl-istess ittra, ma topponix din it-talba billi tippreżenta rikors fejn titlob li l-qorti tiddikjara l-pretensjoni bħala waħda infondata.

Finally, you are being notified that this judicial letter is being filed in terms of Article 100 (5) and (6) of Cap 552 of the Laws of Malta. In terms of subsection (7) of the same Article, you are being notified that this judicial letter shall have the same effect as a final judgement of a competent court, if within twenty days from the service of this letter and of the declaration contained in the same letter, you do not oppose this request by filing an application requesting that the court declares the claim unfounded.

Flimkien ma' din l-ittra uffiċjali qed tiġi annessa dikjarazzjoni ġuramentata taċ-Chairman Eżekuttiv tal-Awtorità, Oliver Magro, ai termini tal-artikolu 100(6) tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta, immarkata bħala Dokument B.

Together with this judicial letter a sworn declaration is being attached by the Executive Chairman of the Authority, Oliver Magro, in terms of Article 100 (6) of Cap. 552 of the Laws of Malta, marked as document B.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

With costs and interest.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 6 ta' Ġunju, 2025

Registry of the Superior Courts, today 6th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1461

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-14 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2505/2024, fl-ismijiet EJCS Limited vs Jacqueline Calleja noe ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Jacqueline Calleja a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 14th October, 2024, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2505/2024 in the names EJCS Limited vs Jacqueline Calleja noe, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Jacqueline Calleja in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

In the Court of Magistrates (Malta)

Illum 15 ta' Lulju, 2024

Today 15th July, 2024

Lil Jacqueline Calleja (KI 370368M) bħala mandatriċi ta' Mary Calleja (KI 260546M) ta' 9 Michelou Flats, Flat 1, Triq il-Bilbel, Il-Qawra

To Jacqueline Calleja (ID370368M) as mandatory of Mary Calleja (ID 260546M) of 9, Michelou Flats, Flat 1, Triq il-Bilbel, Qawra

Permezz tal-preżenti s-soċjetà EJCS Limited (C89321) ta' 117, No 7, Triq l-Isperanza, Il-Mosta, tagħmel referenza għall-ittra uffiċjali tiegħek datata t-3 ta' Mejju, 2024, bin-numru ta' referenza 1799/.2024.

Illi kif ingħad fl-istess ittra, l-intimati allegatament soffrew ħsara fuq is-saqaf tal-proprjetà tagħhom bl-indirizz GGE, no 4, Triq Barnaba, San Pawl il-Baħar (il-Garaxx) minħabba skular ta' ilma mill-proprjetajiet sovrastsanti, liema proprjetajiet jagħmlu parti mill-blokka bl-isem Primrose Court li jinsab numru 20, Triq Barnaba, San Pawl il-Baħar (il-Blokka);

Illi s-soċjetà mittenti taċċenna illi hija għandha r-rappreżentanza ġudizzjarja u legali biss għal dawk l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-partijiet komuni tal-blokka u dan ai termini tal-Artikolu 17 tal-Att dwar il-Condominium (Kap. 398 tal-Liġijiet ta' Malta). Is-soċjetà mittenti ma għandha ebda responsabbilta jew rappreżentanza tal-appartamenti individwali. Minflok, dawn l-obbliġi jaqgħu direttament fuq is-sidien rispettivi u mhux fuq is-soċjetà mittenti jew l-Assoċjazzjoni tal-Blokka li hija tamministra u tirrappreżenta;

Illi s-soċjetà esponenti tirrespongi bis-sħiħ illi l-ħsarat pretiżi minnek huma imputabbli fuq l-Assoċjazzjoni tal-Blokka u dan għar-raġunijiet segwenti:

Illi huwa fatt indisputabbli li l-ħsarat ma humiex konnessi ma' xi negliġenza daparti tas-soċjetà mittenti jew tal-Assoċjazzjoni tal-Blokka debitament rappreżentata minnha. Dan diment illi fil-partijiet komuni jinstab pipe tal-ilma, illi jgħaddi mill-parapett u jibqa' dieħel ġol-partijet komuni tal-bini sa għaxar (10) metri 'l ġewwa. Dan il-pipe ma jinstabx direttament fuq il-garaxx tal-intimati, dimenet illi l-garaxx jinstab sottostanti l-parti ta' wara tal-blokka. Konsegwentement, kif inhi mqassma l-blokka, is-sistema tal-ilma tal-partijiet komuni tinstab fuq quddiem tal-blokka mentri l-garaxx jinstab fuq wara u għalhekk ma hemm ebda possibbiltà fizika li l-ħsara qiegħda ssir mis-sistema tal-ilma li tgħaddi mill-partijiet komuni. Illi fi kwalunkwe każ, is-sistema tal-ilma li sservi l-partijiet komuni hija mantenuta tajjeb u ma' tezisti ebda tnixxija ta' ilma jew drenaġġ minnha. Is-soċjetà mittenti tipposjedi wkoll rapport fejn ġie kkonstatat li l-ħsarat possibbilment huma konnessi ma' ħsarat eżistenti fis-sistema tal-ilma u/jew drenaġġ ta' wħud mill-appartamenti li jinstabu fil-blokka, u mhux mill-partijiiet komuni;

Illi għaldaqstant, fin-nuqqas ta' xi evidenza li din il-ħsara hija imputabbli fuq l-Assoċjazzjoni tal-Blokka, is-soċjetà mittenti ma għandha ebda obligazzjoni li twettaq ix-xogħlijiet mitluba minnek biex tiġi indirizzata l-ħsara fin-nuqqas ta' ness ta' kawżalità bejn id-dannu allegat u xi nuqqas imputabbli fuq l-Assoċjazzjoni tal-Blokka sforz xi tnixxija ġejja mill-partijiet komuni;

By the present the company EJCS Limited (C89321) of 117, No 7, Triq l-Isperanza, Mosta, makes reference to your judicial letter dated 3rd May 2024 with reference number 1799/.2024.

That as stated in the same letter, the respondents allegedly suffered damage on the roof of their property with address GGE, No 4, Triq Barnaba, St Paul's Bay (the Garage) due to drainage of water from the overlying properties, which properties form part of the block with the name Primrose Court situated No 20, Triq Barnaba, St Paul's Bay (the Block);

That the interpellant company confirms that it has judicial and legal representation only for those matters which relate to the common parts of the block and this in terms of Article 17 of the Condominium Act (Cap. 398 of the Laws of Malta). The interpellant company has no responsibility or representation of the individual apartments. Instead, these obligations fall directly on the respective owners and not on the interpellant company or the Block Association which it administers and represents;

That the interpellant company fully rejects the claim for damages which you are making and which you are imputing to the Block Association and this for the following reasons:

That it is an indisputable fact that the damages are not connected to any negligence on the part of the interpellant company or the Block Association duly represented by it. This provided that in the common parts a water pipe is found, which passes through the parapet and crashes into the common parts of the building up to ten (10) metres inwards. This pipe is not located directly on the garage of the respondents, due to the fact that the garage underlies the rear of the block. Consequently, as the block is divided, the water system of the common parts is located at the front of the block while the garage is located at the back and therefore there is no physical possibility that the damage is being caused by the water system passing through the common parts. That in any case, the water system which serves the common parts is well maintained and there is no water leakage or drainage from it. The interpellant company also possesses a report where it was found that the damages possibly relate to existing damages in the water and/or sewerage system of some of the apartments located in the block, and not from the common parts;

That thus, in the absence of any evidence that this damage is imputable to the Block Association, the interpellant company has no obligation to carry out the works requested by you to address the damage in the absence of a causal link between the alleged damage and any fault imputable to the Block Association due to any leakage coming from the common parts;

Illi għall-istess ragunijiet tezisti wkoll impossibilita li s-soċjetà mittenti tindirizza l-ħsarsat li jistgħu qed joħolqu xi ħsara fil-garaxx imsemmi, meta l-ingress tal-ilma gej minn sors li jinstab lil hinn mill-proprjetà li taqa' fl-ambitu u r-responsabbilta tagħha;

Illi s-soċjetà mittenti tfakkar illi hija, qua rappreżentant tal-blokka, dejjem imxiet b'mod raġjonevoli tant li l-Assoċjazzjonit tal-Blokka, b'sens ta' volontà tajba u sabiex tevita li din il-problema teskala ruħha, wettqet xogħlijiet rimedjali fil-garaxx anke jekk din il-ħsarsa ma hix imputabbli fuqha, u dan taħt il-pretensjoni li s-sidien individwali kienu indirizzaw it-tnixxija tal-ilma. Ċertament li l-Assoċjazzjoni tal-Blokka ma għandhiex titqies li għandha xi ħtija meta ħarġet minn triqitha sabiex twettaq dawn ix-xogħlijiet meta ma kellha ebda obbligu legali li tagħmel dan.

Għalhekk, għal dawn ir-raġunijiet, l-allegazzjonijiet imressqa minnek huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Is-soċjetà mittenti, filwaqt li tirrispinġi l-pretensjonijiet kollha tiegħek fil-konfront tal-Assoċjazzjoni tal-Blokka, tinterpellak sabiex tiddesisti milli tkompli tippretendi illi għandek xi jedd kontra l-imsemmija Assoċjazzjoni u milli tkompli talludi illi teżisti xi negliġenza daparti tas-soċjetà mittenti fir-rigward tal-ħsarat allegati.

Tant biex tagħraf timxiu tirregola ruħek.

Salv kull dritt ieħor.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

That for the same reasons it is also impossible for the interpellant company to address the damage which may be causing damage to the garage mentioned, when the ingress of water comes from a source which is found outside the property which falls within its scope and responsibility;

That the interpellant company notes that it, as representative of the block, always proceeded in a reasonable manner so much so that the Block Association, in the spirit of good will and in order to avoid the escalation of this problem, carried out remedial works in the garage even if this damage is not imputable to it, and this under the assurance that the individual owners had addressed the water leakage. It is true that the Block Association should not be considered to be at fault when went out of its way to carry out these works when it had no legal obligation to do so.

For those reasons, the allegations put forward by you are therefore factually and legally unfounded. The interpellant company, whilst rejecting all your claims against the Block Association, calls upon you to desist from continuing to assert that you have any right against the said Association and from continuing to make claims referring to some negligence on the part of the interpellant company regarding the alleged damages.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself.

Saving any other rights

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 6th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1462

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Marzu, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1127/2023, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Rebecca Borg il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Rebecca Borg a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 13 ta' April, 2023

Lil Rebecca Borg (KI 154290M) ta' Santa Marija Apartments, Flat 2, Triq iż-Żebbuġ, San Ġiljan

Permezz tal-preżenti s-soċjetà HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 32, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

By means of a decree of the 27th March, 2025, in the records of the judicial letter number 1127/2023, in the names HSBC Bank Malta plc vs Rebecca Borg, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Rebecca Borg in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today 13th April, 2023

To Rebecca Borg (ID 154290M) of Santa Marija Apartments, Flat 2, Triq iż-Żebbuġ, St Julian's

By means of this present, HSBC Bank Malta plc (C3177) of 32, Triq il-Merkanti, Valletta

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €919.27 rappreżentanti inkwantu għas-somma ta' €917.66 bħala kapital u inkwantu għas-somma ta' €1.61 bħala mgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital sas-6 ta' April, 2023, fuq il-kont bin-numru 075-190652-001, liema somma hija Encroachment fuq il-kont tat-tip Current Account li giet debitament mogħtija lilek, mill-Bank mittenti u aċċettat minnek, oltre l-imgħax mis-7 ta' April, 2023, sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma inti għalkemm repetutament interpellat biex tħallas, inqast milli tagħmel dan.

Solicits you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €919.27 representing as for the amount of €917.66 as capital and as for the amount of €1.61 as interest that accrued on the capital till the 6th April 2023, on account number 075-190652-001, which amount is Encroachment on the Current Account facility that was duly given to you, by the interpellant Bank and accepted by you, besides the interest from the 7th April, 2023, till the date of this letter together with further legal interest on the capital amount from the date of this letter till the date of effective payment which amount although you were solicited to pay, you remained in default.

Iġġib a formali konjizzjoni tagħkom il-fatt li fil-ġurnata tas-6 ta' April, 2023, int kont tinsab moruż fil-pagamenti ta' self lilek mogħti fuq Loan Facility bin-numru 075-190652-246, fl-ammont ta' €744.20 u għaldaqstant is-soċjetà esponenti tinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas din is-somma. Inoltre s-soċjetà esponenti tinfurmak illi din is-somma ta' arretrati tiżdied €198.28 fix-xahar wara dik id-data; u

Brings to your formal notice the fact that on the 6th April 2023 you were in delay of payment of the loan given to you on the Loan facility with number 075-190652-246, in the amount of €744.20 and thus the interpellant company solicits you so that within two days you pay the said amount. The interpellant company informs you also that this sum of arrears increases by €198.28 per month after that date.

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €1443.15 bħala kapital u inkwantu għas-somma ta' €15 bħala mgħaxijiet li ddekorew fuq il-kapital sas-6 ta' April, 2023, bl-ispejjeż amministrattivi, oltre l-imgħax mis-7 ta' April, 2023, sad-data ta' din l-ittra flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitlai mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv u dan inrifużjoni ta' flus lilek avvanzati fuq faċilità ta' Visa Card bin-numru 4568820246995002, liema somma inti għalkemm repetutament interpellat biex tħallas inqast milli tagħmel dan.

Solicits you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €1443.15 as capital and as for the amount of €15 as interest that accrued on the capital till the 6th April, 2023, with administrative costs, besides the interest from the 7th April, 2023, till the date of this letter together with further legal interest on the capital amount from the date of this letter till the date of effective payment and this as refund of the money to you given by means of Visa Credit Card facility number 4568 8202 4699 5002, which amount although you were solicited to pay, you remained in default.

Tinfurmak li jekk tonqos milli tħallas l-arretrati kollha fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra, il-bilanċ intier tas-self isir kollu dovut f'daqqa oltre mgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena sad-data tal-effettiv pagament.

Informs you that if you fail to pay all the arrears within fifteen days from the day of notification of this letter, the whole loan amount will be due all at once besides legal interest with the rate of 8% per year till the date of effective payment.

Sabiex jiġu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma huwiex possibbli u teħtieġ żmien itwal għall-ħlas b'rati mensili, int tista' tammetti d-dejn tiegħek mal-Bank permezz ta' att notarili. F'dak il-każ inti mitlub illi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tirċievi din l-ittra tavża lill-Bank u tqabbad nutar.

To avoid useless court fees, if the payment of the loan is not possible in the time given and you need more time to pay by monthly installments, you can admit your debt towards the Bank by means of a notarial act. In this case you are requested so that within fifteen days from when you receive this letter you inform the Bank and engage a notary.

Din l-ittra sservi wkoll biex tinterrompi l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mil-liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

This letter is being filed as well to interrupt prescription and as such is required by law in terms of article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tiegħek mingħajr ebda preavviż ieħor.

In default further procedures will be taken against at Court without further notice.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

So much so that you may know how to regulate yourself.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

With costs.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 6th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1463

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-5 ta' Ġunju, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 8/25AD, fl-ismijiet: Joseph Cutajar vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Joseph Cutajar (754461M) vs l-Avukat tal-Istat et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Ġuriżdizzjoni Kostituzzjonali) fid-9 ta' Jannar, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-fatti suesposti bl-applikazzjoni tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward il-fond;

2. Tiddikjara li r-rikorrent huwa intitolat għal kumpens għall-vjolazzjoni sofferta minnu u l-predeċessuri tiegħu saħansitra anke meta ngħatat is-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera li awmentat il-kera, liema kumpens għandu jirrifletti d-danni materjali subiti, u dan oltre d-danni morali;

3. Tillikwida l-istess kumpens u danni morali pagabbli lir-rikorrent, okkorrendo permezz ta' periti maħtura minnha, u konsegwentement tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas dan l-istess kumpens u danni morali lir-rikorrent;

4. Konsegwentement tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, u tagħti dawk id-direttivi kollha li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif garantiti skont il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

5. Tiddikjara inoltre illi r-rikorrenti huma intitolati għal kera li tirrifletti dik illi l-fond jista' jġib illum il-ġurnata fis-suq ħieles, u konsegwentement tiddikjara li l-intimat għandu jħallas lir-rikorrenti d-differenza bejn din is-somma u l-kera li r-rikorrenti huma preżentement intitolati li jirċievu mingħand l-inkwilini, sakemm tiġi tterminata din il-lokazzjoni, u dan prevja kwalsijasi dikjarazzjoni dwar l-artikolu 4A ta' Kap. 69 li jidhrilha xieraq tagħti f'dan ir-rigward;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 5th June, 2025, in the records of the Sworn application number 8/25AD, in the names: Joseph Cutajar vs State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Joseph Cutajar (754461M) vs State Advocate et filed in the Civil Court, First Hall (Constitutional Jurisdiction) on the 9th January, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare that the facts above exposed with the application of Cap. 69 of the Laws of Malta, constitute a violation of the fundamental rights of the applicants as protected by the First Article of the First Protocol of the European Convention for Human Rights regarding the premises;

2. Declare that the applicant is entitled to compensation for the violation suffered by him and his predecessors even when the judgement of the Rent Regulation Board which increased the rent was given, which compensation should reflect the material damages suffered, and this besides moral damages;

3. Liquidate the same compensation and moral damages payable to the applicant, if necessary through architects appointed by her, and consequently condemn the respondent to pay this same compensation and moral damages to the applicant;

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Minorenni fid-19 ta' Mejju, 2025, fl-atti tar-rikors numru 20/2025AC, fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Socjali vs Alison Sciberras et ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Alison Sciberras u Dylan Sciberras a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizi tal-Ħarsien Soċjali vs Alison Sciberras et ippreżentat fil-Qorti tal-Minorenni,

By means of a decree of the 19th May, 2025, handed down by the Juvenile Court in the records of the application number 20/2025AC in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services vs Alison Sciberras et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Alison Sciberras and Dylan Sciberras in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an application in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services vs Alison Sciberras et filed in the Juvenile Court,

fl-14 ta' April, 2025, ir-rikorrenti Direttorat Ħarsien tat-Tfal u d-Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizi tal-Ħarsien Soċjali talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tawttorizza lill-minuri [omissis] issiefer lejn Lourdes fi Franza bejn it-28 ta' Awwissu, 2025 u t-3 ta' Settembru, 2025, b'dan illi l-passaport tal-minuri jiġi ristrett għal tali vjaġġ jekk din l-Onorabbli Qorti tħossha propensa li tordna dan;

2. Tawtorizza lill-ħaddiema soċjali fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u/jew id-Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) tapplika u tagħmel dak kollu neċessarju mad-dipartimenti rispettivi inkluż dak tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin jekk ikun il-każ għall-applikazzjoni u/jew tiġdid tal-passaport u l-E111 tal-minuri mingħajr awtorizzazjoni u/jew firma tal-omm u l-missier.

Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun.

Il-kawża fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizi tal-Ħarsien Soċjali vs Alison Sciberras et (Rikors numru 20/2025AC) jinsab differit għall-20 ta' Ġunju, 2025, fin-12.30 p.m.

Notifika: Alison Sciberras, 86, Ghario, Triq iċ-Ċern, San Pawl il-Baħar
Dylan Sciberras, 86, Ghario, Triq iċ-Ċern, San Pawl il-Baħar

Fil-Qorti tal-Minorenni

Magistrat: Dott. Abigail Critien, BA, Trib. Eccl. Melit., LLM (Family Law) (Lond.), LLD

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u d-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) fi Ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali datat l-14 ta' April, 2025;

Tordna n-notifika tar-rikors imsemmi u ta' dan id-digriet lil Alison Sciberras u Dylan Sciberras fost oħrajn.

Illum 16 ta' April, 2025

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum s-6 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

on the 14th April, 2025, the applicants Directorate for Child Protection and the Directorate for Alternative Care (Children and Youths) within the Foundation of Social Welfare Services requested this Honourable Court so that it:

1. Authorises the minor [omissis] to travel to Lourdes in France between the 28th August, 2025 and the 3rd September, 2025, on condition that the passport of the minor is restricted to such a trip only if this Honourable Court feels leans towards granting this order;

2. Authorises social workers within the Directorate for Child Protection and/or the Directorate for Alternative Care (Children and Youths) to apply and do everything necessary with the respective departments including that of the Ministry of Foreign Affairs if applicable for the application and/or renewal of the passport and E111 of the minor without authorisation and/or signature of the mother and father.

Saving any other provision that this Honourable Court deems fit and opportune.

The case (Application number 3/2025AC) in the names Directorate for Child Protection within the Foundation for Social Welfare vs Alison Sciberras et is postponed for the 20th June, 2025, at 12.30 p.m.

Notification: Alison Sciberras, 86, Ghario, Triq iċ-Ċern, St Paul's Bay
Dylan Sciberras, 86, Ghario, Triq iċ-Ċern, St Paul's Bay

In the Juvenile Court

Magistrate: Dr Abigail Critien, BA, Trib. Eccl. Melit., LLM (Family Law) (Lond.), LLD

The Court,

Saw the application of Directorate for Child Protection and Directorate for Alternative Care (Children and Youths) within the Foundation for Social Welfare dated 14th April, 2025;

Orders the notification of the said application and this decree to Alison Sciberras and Dylan Sciberras amongst others.

Today 16th April, 2025

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 6th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1490

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Mejju, 2025, fl-atti tal-protest numru 93/2025, fl-ismijiet Simone Falzon et vs Marco Tanti et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 fil-konfront ta' Marco Tanti u Irina Vladimirovna Tanti.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 25 ta' Marzu, 2025

Simone Falzon (KI 516353M), Angela Demicoli (KI 474955M) u John Falzon (KI 53061M)

vs

Marco Tanti (KI 207875M) u Irina Vladimirovna Tanti (KI 423308L)

Protest ġudizzjarju ta' Simone Falzon (KI 516353M), Angela Demicoli (KI 474955M) u John Falzon (KI 53061M).

Jesponu bir-rispett:

Illi l-protestanti huma lkoll l-ulied u l-eredi tal-Perit Arkitett Carmelo Falzon u huma s-sidien tal-porzjon ta' art tal-kejl ta' madwr 1,797 metru kwadru fi Triq Delimara, limiti ta' Marsaxlokk ('il quddiem imsejjaħ is-Sit);

Illi kif il-protestati jafu ben sew, u kif ġie definitivament stabbilit bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Jannar, 2021, fil-kawża bl-ismijiet Marco Tanti et vs Joseph Portelli et (Rikors 869/11/1 AE) is-Sit li huwa proprjetà assoluta tal-protestanti, ġie trasferit lill-protestanti erronjament meta dawn akkwistaw il-proprjetà bl-isem Villa Valentina (qabel magħrufa bħala Villa Masgjar) fi Triq Delimara limiti ta' Marsaxlokk mingħand terz;

Illi l-protestanti għamlu diversi tentattivi, inkluż permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 3155/22 li ġiet debitament notifikata, sabiex il-protestati jivvakaw u jilliberaw is-Sit imsemmi u jirritornaw il-pussess lura lill-protestanti iżda madankollu, sal-lum il-ġurnata, il-protestati la rrispondew u wisq aktar għarfu l-pretensjonijiet leġittimi tal-protestanti u dawn baqgħu għalkollox inadempjenti;

Illi sal-lum il-ġurnata, il-protestati għadhom igawdu s-Sit li huwa proprejtà indisputabbli tal-protestanti, b'mod illegali u dan qed jikkawża preġudizzjuj kbir lill-protestanti;

By means of a decree of the 5th May, 2025, in the records of the protest number 93/2025, in the names Simone Farrugia et vs Marco Tanti et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 on Marco Tanti and Irina Vladimirovna Tanti.

In the First Hall of the Civil Court

Today 25th March, 2025

Simone Falzon (ID 516353M), Angela Demicoli (ID 474955M) and John Falzon (ID 53061M)

vs

Marco Tanti (ID 207875M) and Irina Vladimirovna Tanti (ID 423308L)

Judicial Protest of Simone Falzon (ID 516353M), Angela Demicoli (ID 474955M) and John Falzon (ID 53061M)

Requests with respect:

That the protestors are all the children and heirs of Architect Perit Carmelo Falzon and are the owners of the portion of land measuring approximately 1,797 square metres, in Triq Delimara, limits of Marsaxlokk (hereinafter referred to as the Site);

That as the protested are well aware, and as was definitively established by the judgement of the Court of Appeal of the 27th January, 2021, in the case in the names Marco Tanti et vs Joseph Portelli et (Application 869/11/1AE) the Site which is the absolute property of the protestors, was erroneously transferred to the protested when they acquired the property known as Villa Valentina (formerly known as Villa Masgar) in Triq Delimara, limits of Marsaxlokk, from a third party;

That the protestors made several attempts, including by means of a judicial letter numbered 3155/22 which was duly notified, to have the protested vacate and release the said Site and return possession thereof to the protestors, but to date, the protested have neither replied nor recognesed the legitimate claims of the protestors and have remained completely non-complaint;

That to this day, the protested are still enjoying the Site, which is the indisputabloe property of the protestors, unlawfully, and this is causing significant prejudice to the protestors;

Illi minħabba din is-sitwazzjoni, il-protestanti qed isofru preġudizzju serju u kontinwu peress li qed jiġu mċaħħda mill-pussess u l-użu leġittimu tas-Sit u qed jiġu impediti milli jużaw is-Sit skont l-iskop leġittimu tiegħu, inkluż għall-benefiċċju kummerċjali tagħhom u għal skopijiet soċjoekonomiċi, u b'hekk qed jiġi kkawżat dannu irreparabbli lill-interessi tal-protestanti.

Għaldaqstant, il-protestanti jitolbu lill-protestti biex, b'mod immedjat u mhux aktar tard minn sebat (7) ijiem mid-data tan-notifika ta' dan il-protest ġudizzjarju, jagħmlu kuntratt mal-protestanti sabiex jiġi kkordinat b'mod ordnat u skont il-liġi l-proċess ta' rilaxx u trasferiment tal-pussess tas-Sit lura għand il-protestanti u dan bil-għan li l-protestati jivvakaw u jilliberaw is-Sit imsemmi b'mod definittiv u jirritornawlhom il-pussess sħiħ tas-Sit mingħajr dewmien.

Illi fin-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tagħkom skont it-talba tal-protestanti, dawn ma jkollhom l-ebda għażla oħra ħlief li jieħdu l-passi legali kollha meħtieġa kontra tagħkom skont il-liġi sabiex jipproteġu d-drittijiet u l-interessi tagħhom.

Illi filwaqat li l-protestsnti jġibu dan kollu a formali konjizzjoni tal-protestati u filwaqt li jipprotestaw kontra dan l-aġir illegali tal-protestati,il-protestanti qed ipoġġu lill-protestati in dolo, culpa u mora għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u qed iżommu lill-istess responsabbli għad-danni kollha li qed isofru u li għad jistgħu jsofru.

Dan il-protest ġudizzjarju qiegħed jintbagħat inter alia ai termini tal-artikolu 2128 tal-Kodiċi (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u ai termini tal-artikolu 891 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

Sabiex tagħrfu timxu u tirrgolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż, bl-imgħaxijiet legali u kif ukoll b'riżerva għal kull azzjoni spettanti lill-protestanti.

Notifika: Marco u Irina konjuġi Tanti, Villa Valentina, Triq Delimara, Marsaxlokk, Malta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

That due to this situation, the protestors are suffering serious and ongoing prejudice, as they are being deprived of the possession and legitimate use of the Site, and are bieng prevented from using the Site according to its lawful purpose, including for their commercial benefit and for socia-economic purposes, thereby causing irreparable damage to the protestors interests.

Therefore, the protestors demand that the protested, immediately and no later than seven (7) days from the date of notification of this judical protest, make contact twith the protestors in order to coordinate in an orderly and legal manner the process of release and transfer of possession of the Site back to the protestors, so that the protested may vacate and definitively release the said Site and return full possession of the Site to the protestors without delay.

That failing any action on yhour part in line with the protestors request the protestors will have no option but to take all necessary legal steps against you according to law to protect their rights and interests.

That while the protestors make all this known formallyh tot he protested and while protesting against this illegal conduct of the protested, the protestors are placing the protested in dolo, culpa and mora for all purposes and effects of the law and are holding the liable for all damages currently being suffere4d and which may still be suffered.

This judicial protest is being sent inter alia in terms ofr Article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta) and in terms of Article 891 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12 of the Laws of Malta).

So that yhou may act accordingly and regulate yourselves.

With costs, legal interest and with full reservation of all actions due to the protestors.

Notification: Marco and Irina married Tanti, Villa Valentina, Triq Delimara, Marsaxlokk

Registry of the Superior Courts, today 6th June 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1491

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-19 ta' Frar, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Paul Azzopardi.

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 19th February, 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on Paul Azzopardi in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C10865) ta' Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, ippreżentaw Talba, fid-19 ta' Frar, 2025, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Paul Azzopardi (KI 0322569M) ta' 182, Triq San Pawl, Il-Belt Valletta, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1097.72, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż Nru 55/2025CL) hija differita għat-18 ta' Ġunju 2025 fis-1.00p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 9 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Vodafone Malta Limited (C 10865) today Epic Communications Limited (c 10865) of Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, filed a Claim on the 19th February, 2025, whereby they asked the Tribunal to condemn Paul Azzopardi (ID 0322569M) of 182, Triq San Pawl, Valletta, to pay the plaintiff company the sum of €1097.72, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 55/2025CL) is deferred on the 18th June 2025 at 1.00p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 9th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1492

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla, fil-15 ta' Mejju, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 389/2025AJD, fl-ismijiet: L-Avukat Dott. Marlon Borg noe vs Maleth Aero AOC Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: L-Avukat Dott. Marlon Borg (304189M) noe vs Maleth Aero AOC Limited (C54721) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-21 ta' April, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tilqa' t-talba tal-esponent u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża skont l-Artikolu 167 et sequitor tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li s-soċjetà intimata hija debitriċi vera, ċerta u likwida tal-esponent fl-ammont ta' wieħed u tletin elf sitt mija ħamsa u sittin dollaru Amerikan u disgħa u erbgħin ċenteżmu ($31,665.49) jew l-ekwivalenti tal-istess fil-munita ewro (€), (€27,415.25) sebgħa u għoxrin elf erba' mija u ħmistax-il ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu, bl-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-preżentata sad-data tal-pagament effettiv;

3. Tordna lis-soċjetà intimata tħallas lill-esponenti l-ammont ta' wieħed u tletin elf sitt mija ħamsa u sittin dollaru Amerikan u disgħa u erbgħin ċenteżmu ($31,665.49) jew l-ekwivalenti tal-istess fil-munita ewro (€), (€27,415.25) sebgħa u għoxrin elf erba' mija u ħmistax-il ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu, bl-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-preżentata sad-data tal-pagament effettiv;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 15th May, 2025, in the records of the Sworn application number 389/2025AJD, in the names: Advocate Dr Marlon Borg noe vs Maleth Aero AOC Limited, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Chapter 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Advocate Dr Marlon Borg (304189M) noe vs Maleth Aero AOC Limited (C54721) filed in the Civil Court, First Hall, on the 21st April, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Uphold the demand of the applicant and give judgement without proceeding to a hearing of the cause according to Article 167 et sequitor of Cap. 12 of the Laws of Malta;

2. Declare that the respondent company is a true, certain and liquid debtor of the applicant in the amount of thirty one thousand six hundred sixty five American dollar and forty nine cents ($31, 665.49) or the equivalent of the same in the currency euro (€), (€27,415.25) twenty seven thousand four hundred fifteen euro and twenty five cents, with interest at the rate of eight per cent (8%) from the date of filing until the date of actual payment;

3. Order the respondent company to pay the applicant the amount of thirty one thousand six hundred sixty five American dollar and forty nine cents ($31, 665.49) or the equivalent of the same in the currency euro (€), (€27,415.25) twenty seven thousand four hundred fifteen euro and twenty five cents, with interest at the rate of eight percent (8%) from the date of filing by the date of effective payment;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 389/2025AJD fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-19 ta' Ġunju, 2025, fid-9.50 a.m.

Notifika Intimat:

Maleth Aero AOC Limited (C54721)

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Ġunju, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With all costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 389/2025AJD in the names mentioned above is postponed to 19th June, 2025, at 9.50 a.m.

Notification respondent:

Maleth Aero AOC Limited (C54721)

Registry of the Superior Courts, today 9th June, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1493

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' April, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 698/2024JVC, fl-ismijiet: 35 14 Capital SSC plc taġixxi għan-noma ta' Cell Couros vs Ceiling Systems Limited et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: 35 14 Capital SSC plc (C105417) taġixxi għan-noma ta' Cell Couros vs Ceiling Systems Limited (C16547) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-19 ta' Ġunju, 2024, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-soċjetà intimata Ceiling Systems Limited kisret it-termini u l-kundizzjonijiet tal-faċilitajiet bankarji maħruġa mis-soċjetà Bank of Valletta plc;

2. Tiddikjara lis-soċjetà intimata Ceiling Systems Limited debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' tliet mija tnejn u erbgħin elf, seba' mija, erbgħa u sittin ewro ħamsa u tletin ċenteżmu (€342,764.35), oltre l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mit-18 ta' Ġunju, 2024, sad-data tal-pagament effettiv;

3. Tiddikjara lill-intimati Joseph Farrugia, Ruth Fino, Acorn Properties Limited debituri flimkien insolidum mas-soċjetà intimata Ceiling Systems Limited;

4. Tordna lill-intimati kollha jħallsu flimkien insolidum lis-soċjetà rikorrenti l-ammont ta' tliet mija tnejn u erbgħin elf, seba' mija, erbgħa u sittin ewro ħamsa u tletin ċenteżmu (€342,764.35), oltre l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mit-18 ta' Ġunju sad-data tal-pagament.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 3rd of April, 2025 , in the records of Sworn Application number 698/2024JVC, in the names: 35 14 Capital SSC plc acting on behalf of Cell Couros vs Ceiling Systems Limited et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: 35 14 Capital SSC plc (C105417) acting on behalf of Cell Couros vs Ceiling Systems Limited (C16547) et presented in the Civil Court, First Hall, on the 19th of June, 2024, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declares that the respondent company Ceiling Systems Limited has breached the terms and conditions of the banking facilities issued by the company Bank of Valletta plc;

2. Declares the respondent company Ceiling Systems Limited debtor of the applicant company in the amount of three hundred and forty-two thousand, seven hundred and sixty-four euro and thirty-five cents (€342,764.35), plus interest at the rate of eight percent (8%) from 18th June, 2024, until the date of effective payment;

3. Declares the respondents Joseph Farrugia, Ruth Fino, Acorn Properties Limited debtors jointly and severally with the respondent company Ceiling Systems Limited;

4. Orders all respondents to pay jointly and severally to the applicant company the sum of three hundred and forty-two thousand, seven hundred and sixty-four euro and thirty-five cents (€342,764.35), plus interest at the rate of eight percent (8%) from the 18th of June until the date of payment.

With all costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 698/2024JVC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għal-15 ta' Lulju, 2025, fil-10.50 a.m.

Notifika Intimati: Ceiling Systems Limited (C16547) – 55, Triq Valletta, Ħal Qormi

Acorn Properties Limited (C37361), 103, Old Railway Track, Santa Venera

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Ġunju, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Sworn Application number 698/2024JVC in the above-mentioned names is adjourned to the 15th of July, 2025, at 10.50 a.m.

Notify Respondents: Ceiling Systems Limited (C16547), 55, Triq Valletta, Ħal Qormi

Acorn Properties Limited (C37361), 103, Old Railway Track, Santa Venera

Registry of the Superior Courts, today 9th June, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1494

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-22 ta' Mejju, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 352/25FD, fl-ismijiet: Filippa D'Amato et vs Josephine Dimech, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Filippa D'Amato (644656M) et vs Josephine Dimech (379262M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-8 ta' April, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ tal-provi ai termini tal-Artikoli 167-170 tal-Kap. 12;

2. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf, sitt mija tnejn u sebgħin ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€27,672.63) huwa dovut lir-rikorrenti mill-intimata;

3. Tikkundanna lill-intimata tħallas is-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, sitt mija tnejn u sebgħin ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€27,672.63) lir-rikorrenti;

Bl-ispejjeż u l-imgħax legali fuq l-ammont oriġinali ta' tmint elef mija ħamsa u ħamsin ewro (€8,155) sad-data tal-pagament effettiv, kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 352/25FD fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-23 ta' Settembru, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Josephine Dimech (379262M), 65, Our Nest, Triq l-Indipendenza, Ħaż-Żebbuġ

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Ġunju, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 22nd May, 2025, in the records of the Sworn application number 352/25FD, in the names: Filippa D'Amato et vs Josephine Dimech, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Filippa D'Amato (644656M) et vs Josephine Dimech (379262M) filed in the Civil Court, First Hall, on the 8th April, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Decide the cause without proceeding to a hearing of the proof in terms of Articles 167-170 of Cap. 12;

2. Decide and declare that the amount of twenty seven thousand, six hundred and seventy two euro and sixty three cents (€27,672.63) is due to the applicant by the respondent;

3. Condemn the respondent to pay the sum of twenty seven thousand, six hundred and seventy two euro and sixty three cents (€27,672.63) to the applicant;

With costs and legal interest on the original amount of eight thousand one hundred fifty five euro (€8,155) till the date of effective payment, all against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 352/25FD in the names mentioned above is postponed to 23rd September, 2025, at 9.30 a.m.

Notification respondent: Josephine Dimech (379262M), 65, Our Nest, Triq l-Indipendenza, Ħaż-Żebbuġ

Registry of the Superior Courts, today 9th June, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1495

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), fil-21 ta' Mejju, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 573/2024ISB, fl-ismijiet: Wilma sive Joan Zarb et vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Wilma sive Joan Zarb (493470M) et vs l-Avukat tal-Istat et ppreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fid-19 ta' Diċembru, 2024, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li fatti su esposti jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea magħmula parti mil-liġi ta' Malta bis-saħħa tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-liġijiet ta' Malta);

2. Konsegwentement tiddikjara li l-provvedimenti tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod partikolari l-Artikoli 3, 4, 6 u 9 tal-istess Kap. 69, u d-dispożizzjonijiet tal-Att X tal-2009, u liġijiet oħra viġenti lledew id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea;

3. Konsegwentement tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif garantiti skont il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

4. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji oltre mgħaxijiet legali sofferti mir-rikorrenti għas-snin 1987 sad-data tal-preżentata tar-rikors u dan b'konsegwenza tal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kawża tal-fatti fuq spjegati fejn inter alia ma ġiex ikkreat bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini, stante illi l-lokazzjoni sfurzata a tenur tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009, fost infrazzjonijiet oħra, ma kinitx tirrifletti s-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjetà inkwistjoni;

5. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjari u nonpekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti, oltre mgħaxijiet legali ai termini tal-liġi;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction), on the 21st May, 2025, in the records of the Sworn application number 573/2024ISB, in the names: Wilma sive Joan Zarb et vs State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Wilma sive Joan Zarb (493470M) et vs the State Advocate et filed in the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction) on the 19th December, 2024, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare that facts above mentioned constitute a violation of the fundamental rights of the applicants as sanctioned in the First Article of the First Protocol of the European Convention made part of the law of Malta by virtue of the European Convention Act (Cap. 319 of the laws of Malta);

2. Consequently declare that the provisions of Cap. 69 of the Laws of Malta, in particular Articles 3, 4, 6 and 9 of the same Cap. 69, and the provisions of Act X of 2009, and other laws in force violated the fundamental rights of the applicants as sanctioned in the First Article of the First Protocol of the European Convention;

3. Consequently give those orders, issue those acts, and give those directives that it deems fit to carry out or ensure the fulfilment of the applicant's fundamental rights as guaranteed under the Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms;

4. Declare and decide that the respondent State Advocate is responsible for compensation and pecuniary and non-pecuniary damages besides legal interests suffered by the applicant for the years 1987 till the date of filing of the application and this as a consequence of the violation of the fundamental rights of the applicant due to the facts above explained where inter alia a fair balance between the rights of the owner and those of the lessees was not created, since the forced lease in terms of Cap. 69 of the Laws of Malta and Act X of 2009, amongst other infringements, did not reflect the market nor the rental value of the property in question;

5. Liquidate the same compensation and pecuniary and non-pecuniary damages as suffered by the applicants, besides legal interest in terms of law;

6. Tagħti dawk ir-rimedji kollha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi, inkluż iżda mhux limitatament li tiddikjara li l-inkwilini intimati ma jistgħux jistrieħu iżjed fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 u Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex l-intimati Zahra jkomplu jokkupaw il-fond de quo b'titolu ta' kera inkluż id-dritt ta' sullokazzjoni li huma għandhom favur terzi;

7. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti l-istess kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji hekk kif likwidati ai termini tal-liġi, bl-imgħax legali tat-8% fis-sena mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 573/2024ISB fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-17 ta' Ottubru, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Tatiana Zahra (541786M), 87, Triq l-Imriekeb, Marsaskala

Wayne Zahra (477391M), 87, Triq l-Imriekeb, Marsakala

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Ġunju, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

6. Give all the appropriate and opportune remedies in the circumstances, including but not limitedly to declare that the respondent tenants can no longer rely on the provisions of Cap. 69 and Cap. 16 of the Laws of Malta so that the respondents Zahra continue to occupy the premises de quo by title of lease including the right of subletting which they have in favour of third parties;

7. Condemn the respondent State Advocate to pay the applicant the same compensation and pecuniary and non-pecuniary damages as liquidated in terms of law, with legal interest of 8% per annum from the date of filing of the present cause till the date of effective payment.

With all costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 573/2024ISB in the names mentioned above is postponed to 17th October, 2025, at 930 a.m.

Notification respondent: Tatiana Zahra (541786M), 87, Mriekeb Street, Marsaskala

Wayne Zahra (477391M), 87, Mriekeb Street, Marsakala

Registry of the Superior Courts, today 9th June, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1496

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-5 ta' Ġunju, 2025, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 11 ta' Novembru, 2025, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-fond fil-blokka appartamenti bl-isem Block C, Manor Court, internament immarkat bħala Flat wieħed ittra C (1C), fi Triq it-Turisti, fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, formanti parti minn kumpless ta' bini, appartenenti għal terzi, li jinkorpora diversi blokkijiet ta' appartamenti u ħwienet u garaxxijiet sottostanti, kollha adjaċenti, konsistenti f'garaxxijiet fil-livell ta' basement u ħwienet sovrapost fl-ewwel sular (groundfloor) u appartamenti sovraposti, u liema appartament jinsab fit-tieni sular (first floor level) tal-istess blokka, bil-bieb prinċipali tal-komun b'aċċess dirett mill-istess triq, u jinkludi l-użu tal-partijiet

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 5th June, 2025, on the application of Bank of Valletta p.l.c. (C2833), Thursday, 11th November, 2025, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Court Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The tenement in a block of apartments named Block C, Manor Court, internally marked as Flat one letter C (1C), in Triq it-Turisti, in Qawra, limits of Saint Paul's Bay, forming part of a building complex, belonging to third parties, which incorporates several blocks of apartments, shops and underlying garages, all adjacent, consisting of garages in the basement level and shops overlying the ground floor and overlying apartments, and which apartment is situated on the first floor level of the same block, with the main door of the common area with direct access from the same street, and which includes the use of the common parts of

komuni tal-blokka, fosthom l-entrata, l-entratura, it-taraġ, it-tromba tat-taraġ, l-indani, ix-xaft, il-lift, eskluż il-bejt flimkien mas-servitujiet fuq il-bitieħi interni, il-bieb ta' barra, id-drenaġġ u s-sistemi tal-ilma u ta' ġbir tax-xita u jgawdi d-dritt li s-sid jinstalla tank tal-ilma u aerial u/jew antenna fuq il-bejt tal-penthouse. Is-sistema tad-drenaġġ u s-sistema tal-ġbir tal-ilma tax-xita huma komuni għall-blokka kollha u jgħaddu mill-proprjetajiet sottostanti u jgawdi d-dritt tal-aċċess għall-istess sistemi f'sigħat raġjonevoli, għal tiswija u manuntenzjoni tal-istess u huwa suġġett u jgawdi għal servitujiet oħra li jirriżultaw mill-pożizzjoni tiegħu. Il-fond ma jinkludix l-arja imma l-proprjetarji għandhom aċċess għal manutenzjoni tat-tank tal-ilma u l-aerial tat-television skont kif deskritt fl-atti tan-Nutar Dott. Carmel Mangion datat id-disgħa ta' Ġunju, tas-sena elf, disa' mija, u disgħa u disgħin (9.6.1999), liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, u jikkonfina mit-Tramuntana ma' Triq it-Turisti u mil-Lvant ma' Triq il-Maskri u li bħalissa jinsab abitat minn terzi u stmat li jiswa erba' mija u għaxart elef ewro (€410,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Bonello Edric Dott. (KI 271799M) u Bonello Ann (KI 316068M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 23/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 9 ta' Ġunju, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the block, including its entrance and its corridor, the stairs and the staircase, the landings, the shaft, the lift, excluding the roof together with the servitudes of the internal yards, the front door, the drainage, and the water and rain collection system, and enjoys the right for the owner to install a water tank and an aerial and/or antenna on the penthouse roof. The drainage, and the water and rain collection system are common to the entire block and pass through the underlying properties and enjoys the right of access to the same systems in reasonable hours, for repairs and maintenance purposes of the same, and is subject to and enjoys from other servitudes resulting from its position. The tenement does not include its airspace however the owners have access to the maintenance of the water tank and television aerial as described in the acts of Notary Dr Carmel Mangion dated ninth of June, of the year nineteen hundred and ninety nine (9.6.1999), free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, and is bounded North with Triq it-Turisti and from the East with Triq il-Maskri, and which is currently inhabited by third parties, and is valued at four hundred and ten thousand euro (€410,000).

The said tenement is the property of Bonello Edric Doctor (ID 271799M) and Bonello Ann (ID 316068M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 23/2023.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 9th June, 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1497

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Minorenni fis-6 ta' Ġunju, 2025, fl-atti tar-rikors numru 121/2023AC, fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi Ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali vs Graziella Schembri et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Graziella Schembri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' nota fl-atti tar-rikors numru 121/2023AC fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Graziella Schembri (KI 0548990M) u Lawrence Mangion ippreżentata fil-Qorti Minorenni, fil-25 ta' April, 2025, ir-rikorrenti Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni

By means of a decree of the 6th June, 2025, handed down by the Juvenile Court in the records of the application number 121/2023AC in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services vs Graziella Schembri et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Graziella Schembri in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a note in the records of Application Number121/2023AC in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services vs Graziella Schembri (ID 0548990M) and Lawrence Mangion filed in the Juvenile Court, on the 25th April, 2025, the applicant Directorate for Child Protection within the

għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali ppreżenta pjan ta' kura hawn anness u dan ai termini tal-artikolu 18(7) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' digriet tad-29 ta' April, 2025, il-Qorti ordnat li l-intimata Graziella Schembri tiġi notifikata, fost oħrajn, bil-pjan ta' kura bi żmien sas-seduta li jmiss għar-risposta.

Il-kawża fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Graziella Schembri et (Rikors numru 121/2023AC) tinsab differita għat-13 ta' Ġunju, 2025, fil-10.45a.m.

Esponenti: 220, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notifika: Graziella Schembri, 51, Essex Flats, Flat 1, Vjal Kristu Re, Paola

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 10 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Foundation of Social Welfare Services filed a care plan here attached and this in terms of Article 18(7) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of a decree of the 29th April, 2025, the Court ordered that the respondent Graziella Schembri amongst others be notified with the said care plan having till the next sitting to file a reply.

The case (Application number 121/2023AC) in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services vs Graziella Schembri et is postponed to the 13th June, 2025, at 10.45 a.m.

Applicant: 220, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notification: Graziella Schembri, 51, Essex Flats, Flat 1, Vjal Kristu Re, Paola

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 10th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1498

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-20 ta' Frar, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Yanica McKay.

Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C10865) ta' Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, ippreżentaw Talba, fl-20 ta' Frar, 2025, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Yanica McKay (KI 177991M) ta' 195, Triq San Albert, Il-Gżira, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €5,000, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż numru 60/2025CL) hija differita għat-18 ta' Ġunju, 2025, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 10 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 20th February, 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on Yanica McKay in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C10865) today Epic Communications Limited (C0865) of Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, filed a Claim on the 20th February, 2025, whereby they asked the Tribunal to condemn Yanica McKay (ID 177991M) of 195, Triq San Albert, Gżira, to pay the plaintiff company the sum of €5000, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 60/2025CL) is deferred on the 18th June, 2025, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 10th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603